ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# Minuti tas-37 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Is-37 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar, 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

## Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Luciano Farrugia.

Il-Viċi-*Chairman* is-Sur Norman Clews u s-Sur Mario Bartolo kienu skużati.

## Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-36 laqgħa tal-Kumitat ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

## Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar it-*tender* għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi l-Kunsill Lokali kien qed jgħaddi l-flus lill-Kumitat Amministrattiv biex tkun tista' tinħareġ is-sejħa pubblika għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament li tinħareġ sejħa pubblika għall-offerti.

Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat qabel unanimament li jirringrazzja lill-Kunsill għall-għajnuna li ser jagħti biex finalment din it-triq tkun tista' tiġi rranġata.

## Item 4 – Korrispondenza

Is-Segretarju ressaq korrispondenza mingħand is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Il-Kumitat ġie nfurmat illi peress li l-*budget* għadu m'għaddiex, il-Kumitat għandu jibbaża l-estimi annwali fuq l-allokazzjoni tal-2012.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika li saret nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar, 2013.

Fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament l-Estimi Annwali għas-sena 2013.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Iċ-*Chairperson* talbet li l-Kumitat Amministrattiv jerġa' jikteb lil Transport Malta biex Triq Patri Feliċjan Grech tingħata t-tarmak.

Is-Sinjura Debattista talbet ukoll li jiġu rranġati xi ħofor li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-38 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2013.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*